MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2006

Numru 1118/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN MALLIA**

**VS**

**MATTHEW PACE**

**Il-Qorti;**

wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Matthew Pace, ta' 18-il sena, bin Gioacchino u Rita nee' Gatt, imwieled il-Belt Valletta nhar il-5 ta' April, 1988, residenti fil-fond numru 50A, Triq Zaren Dalli, Birzebbuga, jew fil-fond numru 58, Fuq Verdala, Cospicua, jew fil-fond numru 123, Triq l-Ifran, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 175288 (M);

Akkuzat talli, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Nhar il-11 ta' April, 2006 ghall-habta tas-2.15am, u fil-gimghat ta' qabel, f'Sa Maison, u f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu, jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru IAF 316 fuq vettura tal-marka Fiat 127 bin-numru tar-registrazzjoni originali LAJ 883, liema vettura kienet fil-mument dikjarata skrappjata, kif ukoll wahhal licenzja tal-windscreen bin-numru serjali C225102 fuq l-istess Fiat 127 bin-numru tar-registrazzjoni originali LAJ 883 meta din il-licenzja tal-windscreen originarjament kienet tappartjeni vettura differenti, u cioe' mutur tal-ghamla Suzuki 100, bin-numru tar-registrazzjoni originali LCB 856;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal sett numri tar-registrazzjoni foloz bin-numru IAF 316 fuq vettura differenti tal-marka Fiat 127 bin-numru tar-registrazzjoni originali LAJ 883, liema vettura kienet fil-mument dikjarata skrappjata, kif ukoll wahhal licenzja tal-windscreen bin-numru serjali C225102 fuq l-istess Fiat 127 bin-numru tar-registrazzjoni origianli LAJ 883 meta din il-licenzja tal-windscreen originarjament kienet tappartjeni vettura differenti, u cioe' mutur tal-ghamla Suzuki 100, bin-numru tar-registrazzjoni originali LCB 856;

3. U kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura tal-marka Fiat 127 (li originarjament ghandha n-numru tar-registrazzjoni LAJ 883 u li hija dikjarata skreppjata) b'numru tar-registrazzjoni IAF 316 li huwa falz, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenjza specifikata biex isuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'licenjza jew polza ta' assigurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

Wara lir id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li ngahta zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 184, 185, 186, 187, 188, u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 15 (1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghaldaqstant din il-Qorti fuq ammissjoni qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Matthew Pace hati tal-akkuzi hekk kif dedotti kontrieh, u ghalhekk tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ghal zmien sitt (6) xhur, sospizi ghal sentejn (2), taht supervizjoni ta' Ufficcjal tal-Probation, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta .

Inoltre din il-Qorti wkolll tornda l-iskwalifika tal-licenjza tal-imputat ghal zmien sena, u kif ukoll konfiska tal-oggetti ezebiti fl-atti ta' din il-kawza.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------